## GLOOM

*Imbierek iż-żmien*
*li jahrab u jtaffi l-uġigh*
*u jwassal għal jiem il-mistrieh!*

*Ghax iebes il-madmad tal-jum:*
*qalil,*
*bħat-toqol tal-blat taht l-irdum:*

*'mma ġrajja wara ohra—katina*
*ta' xewk—ġiżimina.*
*xewk ġiżimina...*
*il-hajja taghtina.*

*Oh kieku tinqasam il-qalb*
*u jgħaddi l-martirju tal-art*
*malajr,*
*bla half u bla talb!*

*It-tama sabiha tas-sliem*
*tqarraq bina bid-dell tal-quddiem*
*u taghti s-sabar*
*sa ma tghaddi dil-farsa kerha li twassalna l-qabar...*

*Bhat-tfal*
*ilsiera tar-rieda tal-kbar:*
*tidhak bihom bix-xirja ta' sold ċikkulata*
*Jo!-weghda ta' jum fejn il-bahar xalata...*

17 ix '51. WALLACE GULIA

## GHALFEJN?

*Rajt fuqi s-shab tad-deheb jikbes fil-hmura,*
*Imbewwes mis-smewwiet ta' fil-ghaxija;*
*Rajt l-ahdar ta' l-eghlieqi qajl jiskura;*
*Imil bil-qima l-fjur fl-Ave Marija*

*Seraq il-bahar blu l-iswed tat-tuta,*
*U faxx mill-qamar ha ta' fidda fina;*
*U b'xuxtu bajda fuq il-blat mixhuta,*
*Għamel lill-isbaħ miż-Żiffiet stedina.*

*Ftakart meta tal-qamar din il-bjuda*
*Kienet ghalik bhal pont biex tiġi hdejja.*
*Illum fittixtek...... hassejt biss il-bruda*
*Tisraqli 'l wiċċek minn quddiem ghajnejja.*

*Għalfejn is-sħab tad-deheb, ghalfejn id-dija,*
*Jekk tmut, minghajrek, f'qalbi l-poeżija?*

G. B. CASSAR.